



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.1.2014
COM(2014) 22 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-
KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Isport 2011-2014

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Isport 2011-2014

1. INTRODUZZJONI

Wara l-inklużjoni tal-isport fit-Trattat ta' Lisbona u b'konformità mal-Artikolu 165 tat-TFUE, l-Unjoni Ewropea (UE) u l-Istati Membri saħħew il-kooperazzjoni tagħhom fi sforz biex jiżviluppaw iktar id-dimensjoni Ewropea fl-isport.

Wara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2011 dwar l-isport¹, ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Isport (2011-2014)² fetħet paġna ġdida fil-kooperazzjoni Ewropea fuq il-politika dwar l-isport. Għall-ewwel darba, l-Istati Membri, il-Presidenzi tal-Kunsill u l-Kummissjoni ġew mistiedna jaħdmu flimkien fil-kuntest ta' prinċipji gwida maqbulin, biex jikkonċentraw fuq temi ta' prijorità ('l-integrità tal-isport', 'il-valuri soċjali tal-isport', 'l-aspetti ekonomiċi tal-isport') u jimplementaw azzjonijiet speċifiċi³. F'qasam li fih l-UE għandha kompetenza ta' appoġġ, dan il-Pjan ta' Ħidma pprova qafas siewi sabiex l-atturi kollha jikkooperaw b'mod koordinat u bir-rispett reċiproku tal-kompetenzi nazzjonali u tal-UE.

Sabiex tiġi sostnuta l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Ħidma, iddaħħlu metodi ta' ħidma ġodda fil-qasam tal-isport, b'mod partikolari Gruppi ta' Esperti kif ukoll strutturi ta' djalogu msaħħin. Il-Kummissjoni ntalbet tipproduċi rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Ħidma bħala pedament għal Pjan ta' Ħidma ġdid minn nofs l-2014 'il quddiem.

Dan ir-rapport jivvaluta l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet b'konformità mat-temi ta' prijorità identifikati fil-Pjan ta' Ħidma u janalizza l-użu tal-metodi ta' ħidma introdotti, inter alia billi jirreferi għall-ħidma tal-Gruppi ta' Esperti⁴, kontribuzzjonijiet bil-miktub sottomessi mill-Istati Membri⁵ u konsultazzjonijiet ma' partijiet interessati⁶. Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kummissjoni haġġet bil-konklużjonijiet tagħha.

2. PROGRESS LEJN L-IMPLIMENTAZZJONI TA' AZZJONIJIET SPEĊIFIĊI TAL-PJAN TA' ĦIDMA

B'mod ġenerali, l-attivitajiet imwettqin skont il-Pjan ta' Ħidma kisbu riżultati tajbin ħafna fl-oqsma ta' prijorità definiti. Dan huwa kkonfermat mill-konsultazzjoni: Il-maġġoranza assoluta tal-Istati Membri jaqblu li l-Pjan ta' Ħidma kellu impatt pożittiv għas-settur tal-isport f'pajjiżhom (24 SM) u li kien ta' rilevanza għall-iżvilupp (24 SM) u għall-implimentazzjoni (19-il SM) tal-politika dwar l-isport fil-livell nazzjonali. Kumplessivament, il-Pjan ta' Ħidma laħaq dak li kienu qed jistennew il-gvernijiet (25 SM), iffoka fuq il-prijoritajiet it-tajbin (25 SM) u wassal għal riżultati siewja għall-proċessi tal-politika (24 SM). Din il-valutazzjoni pożittiva kienet maqsuma b'mod ġenerali mill-partijiet interessati tal-isport. L-Istati Membri

¹ COM(2011) 12 finali, 18.1.2011

² ĠU C 162, 1.6.2011, <http://register.consilium.europa.eu/pdf/mt/11/st09/st09509-re01.mt11.pdf>

³ L-Anness I tal-Pjan ta' Ħidma

⁴ Rapport mill-Gruppi ta' Esperti: http://ec.europa.eu/sport/library/consultation-and-co-operation_en.htm

⁵ Tweġibiet minn 27 Stat Membru: <http://ec.europa.eu/sport/library/documents/b22/eu-workplan-sport-results-consultation-ms.pdf>

⁶ Workshops ta' konsultazzjoni fil-Forum tal-UE dwar l-Isport 2013; kontribuzzjonijiet bil-miktub minn partijiet interessati.

raw valur inqas pożittiv fl-influwenza tal-Pjan ta' Ħidma fuq il-proċessi tal-politika dwar l-isport barra l-UE (16-il SM). It-taqsimiet li ġejjin jiddeskrivu l-progress miksub fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ta' priorità, filwaqt li jindikaw ukoll fejn l-aspetti tal-isport ittieħdu inkonsiderazzjoni f'politiki oħrajn tal-UE.

2.1. Azzjoni 1: Ħejji abbozz tal-kummenti tal-UE għar-reviżjoni tal-Kodiċi tal-WADA

L-UE u l-Istati Membri tagħha għadhom impenjati b'rieda soda fil-ġlieda kontra d-doping u fl-iżgurar tal-proporzjonalità tagħha u r-rispett għall-valuri, it-tradizzjonijiet legali u l-liġi applikabbli nazzjonali u tal-UE. Il-kummenti tal-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha tal-2011 dwar l-isport għadhom rilevanti. Filwaqt li l-ambizzjoni tal-Aġenzija Dinjija tal-Antidoping (WADA) hija li jiġi żgurat approċċ armonizzat għall-kontroll tad-doping, id-drittijiet individwali tal-atleti jistgħu jgawdu minn protezzjoni fl-UE; u b'hekk hemm bżonn ta' flessibilità u li jsiru adattamenti biex tinżamm konformità mal-liġi tal-UE u dik nazzjonali.

Il-kummenti mill-Grupp tal-Esperti dwar l-Antidoping (XG AD) għar-reviżjoni tal-WADC tħejjew u ġew sottomessi lill-Kunsill f'sensiela ta' erba' darbiet wara xulxin, billi segwew irritmu tal-fażi ta' konsultazzjoni tal-WADA.⁷ B'mod simili, l-UE kkummentat fuq l-Istandards Internazzjonali dwar il-Kodiċi f'sensiela ta' tliet darbiet.⁸ Fir-raba' kontribuzzjoni tagħha, l-UE estendiet proposta komprensiva lill-WADA biex taħdem fuq testi gwida mhux vinkolanti biex jithemžu mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kodiċi u l-Istandards Internazzjonali bħala parti mill-implimentazzjoni ta' wara l-2015.

2.2. Azzjoni 2: Ippreżenta sett ta' rakkomandazzjonijiet dwar il-ġlieda kontra d-doping fl-isport rikreazzjonali li jistgħu jiġu applikati kemm fil-livell tal-UE kif ukoll dak nazzjonali

Fl-2012 il-Kunsill ivvota biex jestendi l-mandat tal-XG AD "sabiex jiġbor, anki permezz ta' kooperazzjoni mal-partijiet interessati rilevanti, l-aħjar prattiki fil-ġlieda kontra d-doping fl-isport rikreazzjonali fl-Istati Membri tal-UE, u fuq din il-bażi, sa tmiem l-2013, jippreżenta sett ta' rakkomandazzjonijiet li jistgħu jiġu applikati kemm fil-livell tal-UE kif ukoll dak nazzjonali." Tħejjiet proposta minn Grupp ta' Esperti "Doping fl-Isport Rikreazzjonali" u din ser tiġi sottomessa lill-Kunsill.

2.3. Azzjoni 3: Żviluppa dimensjoni Ewropea tal-integrità tal-isport bl-enfasi inizjali fuq il-ġlieda kontra l-logħob miftiehem

Il-ġlieda kontra l-logħob miftiehem, bħala wieħed mill-iktar perikli serji għall-integrità tal-isport, hija parti mill-prijoritajiet tal-Kummissjoni fl-oqsma tal-isport, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, u l-logħob tal-azzard online fir-rigward tal-logħob miftiehem relatat mal-logħob tal-azzard.⁹ Il-Parlament Ewropew adotta wkoll numru ta' riżoluzzjonijiet rilevanti.¹⁰ Il-

⁷ L-ewwel kontribuzzjoni tal-UE għar-reviżjoni, adottata mill-Kunsill fl-14 ta' Marzu 2012 u sottomessa lill-WADA, tkopri l-Kodiċi eżistenti tal-2009. It-tieni kontribuzzjoni tal-UE, adottata mill-Kunsill fil-5 ta' Ottubru 2012 u sottomessa lill-WADA, tkopri l-Abbozz tal-Kodiċi tal-2015, il-verżjoni 1.0. It-tielet kontribuzzjoni tal-UE, adottata mill-Kunsill fit-28 ta' Frar 2013 u sottomessa lill-WADA, tkopri l-Abbozz tal-Kodiċi 2015, il-verżjoni 2.0. Ir-raba' kontribuzzjoni tal-UE, adottata mill-Kunsill fit-22 ta' Lulju 2013 u sottomessa lill-WADA, tkopri l-Abbozz tal-Kodiċi 2015, il-verżjoni 3.0.

⁸ It-tieni kontribuzzjoni tal-UE għar-reviżjoni tkopri l-Istandards Internazzjonali (bosta snin ta' adozzjoni jew revizzjoni). It-tielet kontribuzzjoni tal-UE tkopri l-Abbozz tal-Istandards Internazzjonali 2015, il-verżjoni 1.0. Ir-raba' kontribuzzjoni tal-UE tkopri l-Abbozz tal-Istandards Internazzjonali 2015, il-verżjoni 2.0.

⁹ Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni: COM(2011)12 finali; COM(2011)308 finali; COM(2012)596 finali

Kunsill adotta Konklużjonijiet dwar dan il-qasam f'Novembru 2011.¹¹ Il-ħidma tal-Grupp ta' Esperti dwar Governanza Tajba (XG GG) irrappreżentat pass importanti fil-proċess lejn titjib tal-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni transettorjali fil-livell tal-UE u internazzjonali, hekk kif għall-ewwel darba għar il-partijiet interessati rilevanti kollha fil-livell tal-UE. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp kienu jsawru l-bażi għall-Konklużjonijiet tal-Presidenza adottati f'Novembru 2012¹² u kienu strumentali wkoll fit-tħaffif tal-approvazzjoni tad-Dikjarazzjoni ta' Nikosija dwar il-logħob miftiehem fil-Forum tal-UE 2012 dwar l-I-sport¹³. Il-Grupp ħadem f'koordinazzjoni mill-qrib b'inizjattivi paralleli meħudin mill-IOC u l-Kunsill tal-Ewropa; iddikjara li jappoġġja t-tfassil ta' Konvenzjoni internazzjonali kontra t-tbagħbis fil-kompetizzjonijiet sportivi adottata taħt l-awspiċju tal-Kunsill tal-Ewropa.

Il-Kummissjoni tirrappreżenta lill-UE fin-negozjati li għaddejjin fuq dik il-Konvenzjoni fuq il-bażi ta' żewġ deċiżjonijiet tal-Kunsill li jistabbilixxu d-direttivi rilevanti tan-negozjar.¹⁴ Il-Konvenzjoni hija mistennija tkun lesta għal firma u ratifika matul l-2014; tista' tirrappreżenta qafas utli għat-tisħiħ tal-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni internazzjonali tal-partijiet interessati rilevanti. Rigward il-miżuri għall-ġlieda kontra l-logħob miftiehem, il-Kummissjoni beħsiebha tadotta Rakkomandazzjoni dwar l-aħjar Prattiki fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra logħob miftiehem relatat mal-logħob tal-azzard fl-2014 li għandha tħaffef il-kooperazzjoni transfrontiera u transettorjali bejn il-korpi tal-isport, l-operaturi u r-regolaturi tal-logħob tal-azzard. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni nediet żewġ studji li kumplessivament jolqtu 1) il-kondiviżjoni ta' informazzjoni u r-rapportar ta' attività suspettuża tal-logħob tal-azzard fost il-partijiet interessati rilevanti u 2) valutazzjoni tar-riskji u mmaniġġjar tad-dispożizzjonijiet dwar il-kunflitt ta' interess.

2.4. Azzjoni 4: Żviluppa prinċipji tat-trasparenza dwar governanza tajba

Il-Komunikazzjoni tal-2011 dwar l-isport tistipula li l-governanza tajba hija kundizzjoni għall-awtonomija u l-awto-regolamentazzjoni tal-organizzazzjonijiet sportivi. F'dan il-kuntest, il-ħidma tal-XG GG iffokat fuq l-identifikazzjoni ta' lista ta' prinċipji għall-governanza tajba tal-isport. Ġie riċevut kontribut minn Stati Membri kif ukoll minn Prattiki tajbin miġburin minn fost partijiet interessati tal-isport u organizzazzjonijiet oħrajn. Il-prinċipji proposti jirrappreżentaw standards minimi li jistgħu jiġu ssodisfati minn firxa ta' korpi sportivi. Huwa propost li approċċ flessibbli jieħu inkonsiderazzjoni l-firxa ta' destinatarji li lilhom huma indirizzati l-prinċipji. Minflok ma ppropona miżuri stretti ta' infurzar, il-Grupp issuġġerixxa approċċ gradwali msejjes fuq l-ewwel fażi ta' edukazzjoni u informazzjoni tal-korpi sportivi rilevanti. Jekk ikun hemm bżonnhom, għodod iktar b'saħħithom għall-konformità jistgħu jtfasslu iktar tard.

2.5. Azzjoni 5: Indirizza l-kwistjonijiet identifikati relatati mal-aċċess għal u s-superviżjoni tal-professjoni ta' aġenti sportivi u mat-trasferimenti fi sports ta' timijiet

Ir-riżultati tal-2013 mill-istudju indipendenti dwar l-aspetti ekonomiċi u legali tat-trasferimenti ta' plejers¹⁵, l-istudju dwar l-aġenti sportivi fl-UE¹⁶ u l-eżitu tal-konferenza tal-

¹⁰ Riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Marzu 2009 (2008/2215(INI)), tal-15 ta' Novembru 2011 (2011/2084(INI)), tal-2 ta' Frar 2012 (2011/2087(INI)), tal-10 ta' Settembru 2013 (2012/2322(INI))

¹¹ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-logħob miftiehem (2011/C 378/01)

¹² http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_data/docs/pressdata/en/educ/133873.pdf

¹³ <http://ec.europa.eu/sport/library/documents/b1/eusf2012-nicosia-declaration-fight-against-match-fixing.pdf>

¹⁴ Deċiżjonijiet tal-Kunsill 10178/13 u 10180/13

¹⁵ <http://ec.europa.eu/sport/library/documents/f-studies/cons-study-transfers-final-rpt.pdf>

¹⁶ http://ec.europa.eu/sport/documents/study_on_sports_agents_in_the.pdf

UE dwar l-aġenti sportivi¹⁷ wittew it-triq għall-ħidma tal-XG GG relatata mal-azzjoni 5. Ir-rakkomandazzjonijiet adottati mill-Grupp għandhom jitqiesu fil-kuntest tal-ħidma kurrenti mwettqa mill-FIFA biex tirrivoluzzjona s-sistema tagħha għal-liċenzjar tal-aġenti tal-plejers. Filwaqt li l-futbol kien l-enfasi ewlenija tal-ħidma tal-Grupp, sports oħrajn ta' timijiet kienu parti mid-diskussjonijiet ukoll.

Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp huma indirizzati l-iktar lejn partijiet interessati tal-isport, b'rikonoxximent tal-importanza tal-awtonomija tal-isport fit-tfassil tar-regolamenti tiegħu, filwaqt li jfakkru li trid tiġi rrispettata l-liġi applikabbli, b'mod partikolari l-liġi tal-UE. Il-moviment sportiv huwa mistieden itejjeb it-trasparenza fit-tranżazzjonijiet li jinvolvu plejers u aġenti u jżid il-protezzjoni tal-iżgħar plejers. Il-Kummissjoni tqis li l-kumitati tad-djalogu soċjali settorjali rilevanti tal-UE huma forum xieraq fejn jiġi diskuss kif ir-rakkomandazzjonijiet huma relatati mal-applikazzjoni tal-liġi dwar ix-xogħol.

2.6. Azzjoni 6: Ħejji proposta għal linji gwida Ewropej dwar karrieri doppji

Numru dejjem ikbar ta' atleti, u ta' età dejjem iżgħar, qed jaffaċċjaw sfidi biex ikomplu bil-karriera sportiva tagħhom filwaqt li jistudjaw jew jaħdmu fl-istess ħin. Bħala tweġiba għas-sejħa tal-Kunsill Ewropew fl-2008 biex jissaħħa id-djalogu dwar "karrieri doppji"¹⁸, il-Kummissjoni, fil-Komunikazzjoni tagħha tal-2011 dwar l-isport, ipproponiet li jiġu żviluppanti linji gwida dwar karrieri doppji. Wara li nġhata l-mandat tal-Kunsill, il-Grupp ta' esperti dwar l-Edukazzjoni u t-Taħriġ fl-Isport (XG ETS) ħejja, bl-għajnuna ta' esperti speċjalizzati fil-qasam, Linji Gwida tal-UE dwar il-Karrieri Doppji tal-Atleti. Il-miżuri identifikati għandhom finalment jgħinu lill-atleti Ewropej sabiex imorru tajjeb, jikkompetu f'livell internazzjonali għoli, jevitaw milli jieqfu mill-iskola u l-isport u jħejju ruħhom għall-ħajja tax-xogħol wara l-karriera sportiva tagħhom. Il-Kunsill, filwaqt li laqa' l-linji gwida fil-konklużjonijiet tiegħu tal-2013 dwar il-karrieri doppji, ippropona azzjonijiet konkreti bl-għan li jsahha l-opportunitajiet għall-atleti sabiex jistudjaw jew jaħdmu filwaqt li fl-istess ħin ikomplu bil-karriera sportiva tagħhom.¹⁹ Il-Kunsill għaraf id-dimensjoni Ewropea tal-arranġamenti għall-karriera doppja, peress li l-atleti b'talent u fama spiss ikunu barra pajjiżhom. L-arranġamenti internazzjonali ser jirrekjedu iktar kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet sportivi, l-istituti edukattivi, iċ-ċentri nazzjonali ta' taħriġ u s-servizzi ta' appoġġ.

2.7. Azzjoni 7: Segwitu għall-inklużjoni ta' kwalifiki relatati mal-isport fl-NQFs b'referenza għall-EQF

Fl-2010, il-Ministeri tal-UE għall-Isport urew ir-rieda tagħhom li jissoktaw bl-implimentazzjoni tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (EQF) fil-qasam tal-isport u sejħu sabiex l-Istati Membri jaraw li dawn il-kwalifiki sportivi jsiru konformi ma' dan il-qafas.²⁰ Il-Kunsill iddeċieda li jagħti segwitu għal dan fil-Pjan ta' Ħidma. L-XG ETS ta rapport komprensiv fil-ħarifa 2013 dwar l-inklużjoni tal-kwalifiki li jinkisbu mingħand fornituri edukattivi, inklużi rapporti ta' pajjiżi individwali. Ir-rapport jikkonkludi li l-proċess ta' inklużjoni tal-kwalifiki sportivi fl-NQF fil-qasam tal-edukazzjoni formali għadu għaddej u li l-inklużjoni tal-kwalifiki sportivi miksubin fis-sistema edukattiva tal-organizzazzjonijiet sportivi nazzjonali fl-NQFs qajmet sfidi importanti fil-livell nazzjonali. Dan juri l-bżonn li jingħata sostenn lil federazzjonijiet sportivi ħalli jiżviluppaw kompetenza fit-trasformazzjoni tal-programmi edukattivi eżistenti u l-iżvilupp ta' programmi ġodda. Ser ikun hemm bżonn ta' azzjoni fil-livell nazzjonali u Ewropew, inkluż it-tlaqqiġ tal-kwalifiki nazzjonali mal-istandards internazzjonali tal-kwalifiki tal-federazzjonijiet sportivi internazzjonali. Fil-fehma tal-grupp,

¹⁷ http://ec.europa.eu/sport/library/sport-and_en.htm#C10_Sports-Agents

¹⁸ <http://register.consilium.europa.eu/pdf/mt/08/st17/st17271-re01.mt08.pdf>

¹⁹ <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:C:2013:168:0010:01:MT:HTML>

²⁰ http://ec.europa.eu/sport/documents/summary_be_presidency_imm_en.pdf

il-Kunsill għandu jieħu azzjoni f'dan il-qasam u jsostni iktar l-inklużjoni tal-kwalifiki sportivi kollha fl-NQFs. Dan għandu jitqies fil-kuntest tal-ħolqien ta' qasam Ewropew għall-ħiliet u l-kwalifiki.

2.8. Azzjoni 8: Esplora modi kif jiġu promossi attività fiżika ta' ġid għas-saħħa u parteċipazzjoni fi sport fil-livell ta' dilettanti

Skont il-Pjan ta' Ħidma attwali għall-Isport, tfittex li jsir progress fit-tisħiħ tal-profil tal-attività fiżika ta' ġid għas-saħħa (HEPA) fil-politiki tal-UE, fid-dawl tar-rati għoljin ta' inattività fiżika fl-Unjoni li jimplikaw spejjeż ekonomiċi diretti u indiretti sinifikanti. Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-2012 dwar il-promozzjoni tal-HEPA, il-Kunsill għaraf il-bżonn li tittieħed iktar azzjoni.²¹ Billi bniet fuq il-kontribut mill-Grupp ta' Esperti dwar l-Isport, is-Saħħa u l-Parteċipazzjoni (XG SHP), fuq kontribuzzjonijiet minn partijiet interessati u fuq ir-riżultati ta' studju, il-Kummissjoni żviluppat inizjattiva politika ġdida dwar l-HEPA.²² Fuq il-bażi ta' dan kollu, f'Novembru 2013 il-Kunsill adotta Rakkomandazzjoni dwar il-promozzjoni tal-HEPA fost id-diversi setturi, li ser tappoġġja lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki effettivi tal-HEPA filwaqt li jittieħdu inkonsiderazzjoni l-Linji Gwida tal-UE dwar l-Attività Fiżika.²³ Ir-Rakkomandazzjoni tibni fuq inizjattivi eżistenti rigward l-attività fiżika. L-implimentazzjoni tagħha mill-2014 ser teħtieġ koordinazzjoni politika fil-livell nazzjonali u kooperazzjoni mal-istrutturi rilevanti tal-UE u mal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO).

L-attività fiżika ngħatat ukoll attenzjoni ikbar fl-attivitajiet tal-Unjoni relatati mat-tixjiħ attiv, b'mod partikolari fil-kuntest ta' u fis-segwitu għas-Sena Ewropea tal-2012 għat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet. Il-Prinċipji ta' Gwida tal-Kunsill tas-6 ta' Diċembru 2012²⁴ isejħu sabiex l-atturi jipprovdu opportunitajiet għal attività fiżika u mentali adattati għall-kapaċitajiet tal-anzjani. L-XG SHP żviluppa prinċipji dwar il-kontribuzzjoni tal-isport għat-tixjiħ attiv li għenu f'dan il-proċess u ntlaqgħu mill-Kunsill fil-konklużjonijiet tiegħu tal-2012 dwar it-tixjiħ attiv²⁵. Dan tal-aħħar sejjaħ sabiex il-Kummissjoni ssostni użu aħjar mill-Istati Membri tal-Linji Gwida tal-UE dwar l-Attività Fiżika u sejjaħ għal strateġiji għall-ġlieda kontra l-fatturi ta' riskju, bħan-nuqqas ta' attività fiżika.

Dispożizzjonijiet ġodda għall-iżvilupp ta' statistiki ta' kwalità dwar l-attività fiżika ġew inklużi fil-programm statistiku Ewropew 2013-2017.²⁶ Il-Kummissjoni nediet sħarriġ tal-Eurobarometer dwar l-isport u l-attività fiżika, li r-riżultati tiegħu għandhom ikunu disponibbli kmieni fl-2014.

2.9. Azzjoni 9: Irrakkomanda modi għall-promozzjoni tal-ġbir ta' dejta biex jitkejlu l-benefiċċji ekonomiċi tas-settur sportiv b'konformità mad-Definizzjoni ta' Vilnius u l-evalwazzjoni tar-riżultati

Il-ħidma mwettqa fil-livell tal-UE mill-2006 għall-iżvilupp ta' approċċ komuni Ewropew għall-kejl tal-impatt ekonomiku tal-isport kienet wasslet għal qbil dwar id-Definizzjoni ta' Vilnius tal-Isport, bħala bażi għall-ġbir u l-produzzjoni ta' dejta fil-livell nazzjonali u sabiex dan iservi bħala qafas armonizzat għall-ħolqien ta' kontijiet satellitari sportivi (SSAs). L-SSAs jipprovdu statistiki markoekonomiċi dwar l-ekonomija sportiva. Jista' jinkiseb iktar progress biex titjieb il-bażi fattwali dwar l-importanza ekonomika tas-settur u l-potenzjal

²¹ <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:C:2012:393:0022:0025:MT:PDF>

²² COM(2013) 603 finali

²³ http://ec.europa.eu/sport/news/documents/hepa_en.pdf

²⁴ <http://register.consilium.europa.eu/pdf/mt/12/st17/st17468.mt12.pdf>

²⁵ <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:C:2012:396:0008:0011:MT:PDF>

²⁶ <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=COM:2011:0928:FIN:MT:PDF>

tiegħu biex jikkontribwixxi għal għanijiet politiċi usa', bħall-istrateġija Ewropa 2020. Imħeġġa mill-Komunikazzjoni tal-2011 dwar l-isport, il-Pjan ta' Ħidma, il-konklużjonijiet tal-2012 tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-bażi fattwali għat-tfassil tal-politika dwar l-isport²⁷ u wara kooperazzjoni intensa fi ħdan il-Grupp ta' Esperti dwar l-Istatistiki Sportivi (XG STAT), sitt Stati Membri (AT, CY, DE, NL, PL, UK) u CH ipproduċew SSAs nazzjonali. Stati Membri oħrajn issieħbu fil-proċess ukoll. Ir-riżultati tal-Grupp, bħall-manwali għat-twaqqif ta' SSAs, kienu strumentali f'dan il-kuntest. Fl-2011/2012 sar studju dwar il-kontribuzzjoni tal-isport għat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi fl-UE²⁸. Dan juri li 1.76% tal-Valur Gross Miżjud fl-UE kollha u 2.12% tal-impjiegi huma relatati mal-isport²⁹. Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-2013 dwar il-qgħad fost iż-żgħażaġh,³⁰ il-Kunsill saħaq li t-tkabbir fl-isport huwa intensiv fl-impjiegi u li, għalhekk, l-isport għandu l-potenzjal li jikkontribwixxi sabiex jiġġieled il-qgħad. L-XG STAT ippreżenta wkoll proposti għal prijoritajiet fil-ġejjieni, inter alia msejsin fuq l-istudju tal-2013 fuq funzjoni ta' monitoraġġ possibbli tal-isport fil-ġejjieni fl-UE³¹.

2.10. Azzjoni 10: Modi rakkomandati biex jissaħħu mekkaniżmi ta' solidarjeta' fi ħdan l-isport

Fuq il-bażi tal-istudju tal-UE dwar il-finanzjament ta' sport fil-livell ta' dilettenti fl-Ewropa³², il-Grupp ta' Esperti dwar il-Finanzjament Sostenibbli tal-Isport (XG FIN) studja s-sorsi pubbliċi u privati ewlenin ta' finanzjament li jaffettwaw il-mekkaniżmi ta' solidarjeta' fl-isport u identifika l-opportunitajiet li l-moviment tal-isport għandu biex jiġbor fondi u juża investment pubbliku u privat, kif ukoll l-ostakli li jżommuh milli jagħmel hekk. Il-Grupp irrakkomanda b'mod partikolari a) il-ħtieġa ta' progress rigward gwida dwar l-applikazzjoni tal-liġi tal-UE dwar l-Għajnuna mill-Istat għall-isport, b) l-importanza ta' gwida dwar l-iskema tal-VAT applikabbli għas-settur sportiv mingħajr skop ta' qligħ, c) l-importanza tal-użu tal-fondi strutturali tal-UE biex isostnu l-isport, u d) filwaqt li titqies is-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi tal-isport, il-bżonn li jiġu implimentati miżuri ta' riforma biex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjeta' kummerċjali tal-isport u sabiex jitħeġġeġ ritorn lejn l-isport fil-livell ta' dilettenti. Il-Kummissjoni nediet studju biex tanalizza d-drittijiet tal-organizzaturi tal-isport fl-UE.³³ L-iskambju tal-fehmiet dwar ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp kompli jissaħħaħ matul il-Presidenza Irlandiża.

Rigward l-Għajnuna mill-Istat, il-Kummissjoni stabbilixxiet programm ta' riforma komprensiva dwar il-Modernizzazzjoni tal-għajnuna mill-Istat (SAM) li nieda r-reviżjoni ta' numru ta' strumenti relatati ma' xulxin. Wara dan, f'Ġunju 2013, il-Kunsill tal-Ministri adotta b'mod formali żewġ regolamenti riveduti dwar eżenzjonijiet tal-għajnuna mill-istat (Regolament ta' Awtorizzazzjoni) u proċeduri (Regolament Proċedurali). Ir-regolament ta' awtorizzazzjoni jintroduċi kategoriji ġodda tal-għajnuna, li issa jinkludu l-isport ukoll, li l-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li teżenta mill-obbligu ta' notifika minn qabel ("eżenzjoni ta' kategorija").³⁴ Issa l-Kummissjoni ser tkun tista' tadotta regolamenti li jiddefinixxu kriterji li skonthom l-għajnuna f'dawn il-kategoriji tista' tiġi eżentata min-notifika.

²⁷ <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:C:2012:393:0020:0021:MT:PDF>

²⁸ Rapport finali, Novembru 2012: <http://ec.europa.eu/sport/library/documents/f-studies/study-contribution-sports-economic-growth-final-rpt.pdf>

²⁹ Il-figuri huma bbażati fuq id-"Definizzjoni Wiesgħa", jiġifieri effetti diretti biss, ebda effetti multiplikaturi minn fornituri ta' prodotti intermedji. Il-figuri aggregati kif ukoll l-istrutturi jvarjaw sew bejn l-Istati Membri.

³⁰ http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_data/docs/pressdata/en/educ/139733.pdf

³¹ <http://ec.europa.eu/sport/library/documents/f-studies/final-rpt-may2013-study-monitoring-function.pdf>

³² http://ec.europa.eu/internal_market/top_layer/services/sport/study_en.htm

³³ Avviż ta' kuntratt fil-ĠU tal-Unjoni Ewropea fis-6 ta' Lulju 2012 (2012/S 128-211223)

³⁴ <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2013:204:0011:0014:MT:PDF>

3. METODI TA' ĦIDMA U STRUTTURI

Minbarra l-istrutturi ta' kooperazzjoni eżistenti tal-UE għall-isport, il-Pjan ta' Ħidma introduċa metodi ta' ħidma, b'mod partikolari sitt Gruppi ta' Esperti (XGs), u sejjaħ għal kooperazzjoni mill-qrib u strutturata mas-settur sportiv. Il-Kummissjoni tqis li l-Pjan ta' Ħidma għen sabiex tissaħħa il-kooperazzjoni fl-isport. Dan huwa kkonfermat ukoll mill-eżiti tal-konsultazzjoni: kważi l-Istati Membri kollha esprimew appoġġ ġenerali għall-istrutturi introdotti mill-Pjan ta' Ħidma u qablu li tejjeb il-koordinazzjoni politika dwar l-isport fil-livell tal-UE kif ukoll il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-moviment tal-isport. L-Istati Membri osservaw ukoll bi pjaċir l-appoġġ mill-Kummissjoni, l-arranġamenti ta' rapportar bil-fomm u bil-miktub u l-involviment ta' osservaturi. Il-fehmiet espressi mill-partijiet interessati tal-isport ikkonfermaw b'mod ġenerali din il-valutazzjoni pożittiva. Madankollu, il-Kummissjoni kellha wkoll l-istess fehmiet bħall-Istati Membri u l-partijiet interessati li identifikaw limitazzjonijiet f'dawn l-istrutturi ta' ħidma.

3.1. Il-ħidma tal-Gruppi ta' esperti

3.1.1. Valutazzjoni ġenerali

Ġeneralment, is-sistema tal-XGs magħżulin mill-Istati Membri u li jirrapportaw għand il-Kunsill, iżda sostnuti mill-Kummissjoni, marret tajjeb: l-XGs ipproduċew riżultati b'konformità mal-mandati rispettivi tagħhom, u dan wassal għal riżultati tal-politika li pprovdew informazzjoni għad-dokumenti tal-Kunsill, taw kontribut għad-dibattitu politiku dwar l-isport fil-livell tal-UE jew influwenzaw l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politiki fl-Istati Membri. Dan kien partikolarment minħabba enfasi fuq ftit prijoritajiet u mandat għall-XGs li ddefinixxew l-azzjonijiet, ir-riżultati u l-iskeda ta' żmien għat-tlestija. Il-Kummissjoni temmen li sistema simili tista' tintuża b'mod ferm pożittiv skont Pjan ta' Ħidma fil-ġejjieni, filwaqt li jittieħdu inkonsiderazzjonijiet il-kwistjonijiet speċifiċi minn hawn 'il quddiem.

3.1.2. Kwistjonijiet speċifiċi

L-iżgurar ta' livell għoli u koerenti ta' parteċipazzjoni fix-xogħol ta' sitt XGs fuq l-isport fil-livell tal-UE kien sfida. Id-dipartimenti sportivi tal-Istati Membri ma setgħux jaħtru esperti għall-gruppi kollha; mhux l-esperti kollha setgħu jattendu l-laqgħat kollha u mhux l-esperti kollha nħatru bħala uffiċjali pubbliċi, peress li uħud kienu ġejjin mis-settur mhux governattiv. Filwaqt li dawn ir-rappreżentanti msemminjin l-aħħar suppost kienu jirriflettu l-fehmiet tal-gvernijiet tagħhom, deher li mhux dejjem kellhom mandat ċar biex jagħmlu hekk. Għalhekk, is-sawra tal-gruppi ma kinitx omoġena, iżda wriet differenzi fil-livell ta' rappreżentanza u l-livell ta' kompetenza. Minkejja l-bidliet fl-Iskedi ta' Ħidma tal-Gruppi biex jiddaħħlu esperti mexxejja għal proġetti speċifiċi li kellhom jitlestew, riżultati konkreti mill-ħidma spiss setgħu jinkisbu biss billi twaqqfu "Gruppi ta' esperti" addizzjonali u permezz tal-kontribut mill-persunal tal-Kummissjoni lil hinn mir-rwol inizjali ta' appoġġ tiegħu previst mill-Pjan ta' Ħidma. Pjan ta' Ħidma ġdid jista' jintroduċi sistema li tippermetti sabiex l-Istati Membri ftit li xejn jallokaw riżorsi għall-iktar kwistjonijiet rilevanti.

L-azzjonijiet ta' prijorità deskritti fl-Anness tal-Pjan ta' Ħidma pprovdew mandat politiku għall-XGs, iżda f'xi każijiet dawn ma kinux formulati b'mod ċar biżżejjed. Bosta Stati Membri sabu li għandu jkun hemm iktar ħin fil-laqgħat għal kwistjonijiet topiċi u għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni u l-aħjar Prattiki. Uħud ipproponew biex jissaħħu l-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni bejn il-Gruppi u sabiex l-eżiti jkunu mmirati aħjar għal atturi speċifiċi.

F'ħafna każijiet, ir-riżultati li kellhom jipprovdu l-XGs, kif ippreżentati lill-Grupp ta' Ħidma dwar l-isport ipprovdew informazzjoni għad-diskussjoni politika dwar l-isport fil-livell tal-UE. Uħud mir-riżultati li oriġinaw mill-Gruppi, jiġifieri linji gwida jew rakkomandazzjonijiet,

jeħtieġu li jiġu implimentati l-ewwel, qabel ma l-valur tagħhom għall-politiki nazzjonali jkun jista' jiġi vvalutat kif xieraq.

Il-fatt li l-partijiet interessati tal-isport setgħu jieħdu sehem fil-ħidma tal-XGs bħala osservaturi ntlaja' min-naħat kollha. Madankollu, l-Istati Membri ħassew ukoll li n-numru ta' osservaturi f'uħud mill-Gruppi kien għoli wisq u ma ppermettix li jingħata biżżejjed spazju għad-dibattitu bejn il-membri tal-Gruppi. Filwaqt li l-interazzjoni ma' 'parteċipanti oħrajn' għandha tkompli, Pjan ta' Ħidma ġdid jibbenefika jekk jiġi ċċarat ir-rwol tal-partijiet interessati tal-isport, fil-kuntest ta' strutturi mfasslin primarjament għar-rappreżentanti tal-Istati Membri.

3.2. Djalogu strutturat mas-settur tal-isport

3.2.1. Valutazzjoni ġenerali

Id-djalogu strutturat mal-partijiet interessati tal-isport kompla jissaħħaħ fil-kuntest tal-Pjan ta' Ħidma billi ddaħħlet Prattika li fiha r-rappreżentanti sportivi tħaddtu mal-Istati Membri fl-XGs u, għad li sa ccertu punt inqas, anke permezz tal-laqgħat ta' djalogu ta' livell għoli fil-marġni tal-Kunsill. Id-djalogu strutturat u stabbilit għall-isport immexxi mill-Kummissjoni baqa' għaddej b'suċċess, bil-Forum annwali għall-Isport bħala l-pjattaforma ewlenija tal-UE għall-iskambju ma' partijiet interessati tal-isport. Barra minn hekk, fl-2013 inbeda djalogu annwali ta' livell għoli bejn il-Kummissjoni u l-Kumitat Olimpiku Internazzjonali bħala mezz biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bilaterali.³⁵ Għalhekk, fil-fehma tal-Kummissjoni, seta' jsir progress fid-djalogu tal-UE mas-settur tal-isport, iżda hemm lok sabiex ikompli jissaħħaħ billi jiġu indirizzati l-kwistjonijiet speċifiċi elenkati hawn taħt.

3.2.2. Kwistjonijiet speċifiċi

Bir-rwol emerġenti tal-UE fil-politika dwar l-isport, in-numru ta' atturi sportivi li jixtiequ jsemmgħu leħinhom fil-ħidma fil-livell tal-UE żdied b'mod sostanzjali fl-aħħar snin. L-istituzzjonijiet tal-UE qed jaffaċċjaw l-isfida ta' tmexxija ta' djalogu strutturat inklużiv dwar l-isport mal-partijiet interessati rilevanti, filwaqt li jiżguraw effettività kontinwa. Minkejja l-valur qawwi tiegħu, huma biss ftit l-Istati Membri li stabbilixxew djalogu regolari dwar kwistjonijiet relatati mal-isport fl-UE mal-partijiet interessati nazzjonali tal-isport.

Il-Kummissjoni tħaddan l-istess fehmiet bħal dawk li nstemgħu fil-konsultazzjonijiet li d-djalogu strutturat imniedi organizzat fil-marġnijiet tal-Kunsill tal-EYCS jista' jkompli jitjeb, peress li tqies li ma laħaqx l-għanijiet tiegħu.

Il-fehmiet tas-settur tal-isport irid jibqa' jkollhom rwol importanti meta jiġu żviluppati u implimentati politiki u azzjonijiet tal-UE b'relevanza għall-isport. Pjan ta' Ħidma ġdid jista' jstabbilixxi strutturi ta' djalogu mtejbmin li jipprovdu għat-tali possibbiltajiet.

4. XI LEZZJONIJIET GħALL-ĠEJJJENI

4.1. Prijoritajiet għall-ħidma fil-ġejjieni

Ħafna mill-kompetenzi fil-qasam tal-isport huma f'idejn l-Istati Membri. B'hekk, importanti li l-prijoritajiet għal Pjan ta' Ħidma ġdid tal-UE jiffokaw fuq azzjonijiet li jipprovdu valur miżjud ccar fil-livell tal-UE. Il-Kunsill ser jivvaluta l-prijoritajiet tiegħu għal Pjan ta' Ħidma ġdid fid-dawl tat-tali azzjonijiet. Għalhekk, fil-fehma tal-Kummissjoni, il-prijoritajiet tal-ġejjieni għandhom a) ikunu konformi ma' u jikkontribwixxu għall-prijoritajiet ġenerali tal-

³⁵ L-aproccċi tal-Kunsill u tal-Kummissjoni għal djalogu strutturat ġew stabbiliti f'dokumenti ta' politika: ĠU C 322/1 tas-7.11.2010; COM(2007) 391 finali; COM(2011) 12 finali. Il-Kummissjoni stabbilixxiet ukoll regoli dwar il-parteċipazzjoni fil-Forum għall-Isport.

aġenda tal-politika ekonomika u soċjali tal-UE, b) jibnu fuq il-kisbiet li saru bil-Pjan ta' Ħidma attwali, b'mod partikolari l-implimentazzjoni tar-risultati tal-ħidma, c) ikopru oqsma ta' prijorità relevanti oħrajn għall-kooperazzjoni (kif elenkati fil-Komunikazzjoni tal-2011 dwar l-isport jew suġġetti topiċi) u d) jirriflettu l-bżonn tal-integrazzjoni tal-isport f'politiki oħrajn. B'kunsiderazzjoni ta' dan, Pjan ta' Ħidma tal-ġejjieni jista' jkopri t-temi li ġejjin³⁶:

1) L-isport u s-soċjetà, inkluż l-attività fiżika ta' ġid għas-saħħa (HEPA):

- L-inklużjoni soċjali u l-isport: Kooperazzjoni fil-ġejjieni fl-isport għandha tixħet attenzjoni fuq il-kwistjonijiet tal-inklużjoni soċjali, b'mod partikolari għas-segwitu tal-ħidma fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi mnedija fl-2013. Ħidma tal-esperti tista' ssaħħa l-għarfien fuq il-kwistjonijiet ta' parteċipazzjoni, tħarriġ, tmexxija, fastidju kif ukoll sterjotipi u tikkontribwixxi għall-iskambju ta' prattiki u ideat tajbin li għandhom l-għan li jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-isport.
- L-HEPA: L-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet tal-2013 tal-Kunsill f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri fil-livell tal-UE u d-WTO, kif ukoll koordinazzjoni ma' proċessi kurrenti, ser tkun prijorità. Oqsma li jeħtieġu attenzjoni politika jinkludu wkoll attività fiżika fl-ambjent edukattiv u kooperazzjoni mas-settur tal-kura tas-saħħa. Il-ħidma fil-livell tal-esperti għandha tiffoka fuq kwistjonijiet relatati mal-HEPA, bħal imġiba sedentarja, prevenzjoni ta' korrimenti kif ukoll gruppi speċifiċi li huma f'riskju.
- L-edukazzjoni u t-taħriġ fl-isport: Il-ħidma għandha tkompli, eż. fil-forma ta' laqgħat bejn il-pari, fuq l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida dwar Karrieri Doppji u l-inklużjoni tal-kwalifiki sportivi fl-NQFs. Il-kwistjoni tal-kwalifiki tal-federazzjonijiet internazzjonali tal-isport u r-relazzjoni mal-NQFs u l-EQF għandha tiġi indirizzata wkoll fil-livell tal-UE. Għandha tinxteħet enfasi ikbar fuq ir-rikonoxximent ta' taġħlim mhux formali pprovdut mill-isport u l-impjegabbiltà taż-żgħażaġħ permezz tal-isport, inkluża l-parti edukattiva tal-karrieri doppji ta' atleti żgħażaġħ ta' talent.

2) Id-dimensjoni ekonomika tal-isport:

- Bażi fattwali għall-isport: Għandha tkompli ssir ħidma fil-livell tal-esperti biex tkompli tinġabar iktar informazzjoni u dejta fuq l-isport u l-attività fiżika, abbażi ta' metodoloġiji eżistenti. Għandha tingħata attenzjoni wkoll lejn it-tisħiħ tal-bażi fattwali min-naħa ekonomika, eż. ir-rwol tal-isport għal iktar impjegabbiltà u ffrankar ta' spejjeż fil-kura tas-saħħa.
- Is-sostenibbiltà tal-isport: Azzjoni ulterjuri fil-livell tal-Kunsill tista' tgħin sabiex jiġi żgurat li l-interessi tas-settur jiġu integrati fil-politiki tal-UE li jħallu impatt fuq il-finanzjament tal-istrutturi u l-attivitajiet sportivi. Il-ħidma tal-esperti tista' tkompli tiċċara l-impatt tal-qafas legali tal-UE li qed jiġi żviluppat (eż. fil-qasam tal-għajnuna mill-istat) fuq il-finanzjament tal-isport u tista' twassal għal gwida speċifika; id-djalogu mal-organizzazzjonijiet sportivi għandu jkompli jsahħa il-mekkaniżmi ta' solidarjetà fi ħdan l-isport; il-ħidma tal-esperti għandha tesplora s-sostenibbiltà ekonomika, soċjali u ambjentali ta' avvenimenti sportivi kbar ħafna.

3) L-integrità tal-isport:

³⁶ Il-fatt li ċerti suġġetti mhumiex elaborati f'din il-Komunikazzjoni ma jimplikax li mhumiex importanti għall-Kummissjoni, iżda li d-dokumenti ta' politika eżistenti għadhom bażi suffiċjenti għall-indirizzar tagħhom.

- L-antidoping: Il-ħidma għandha tkompli tiffoka fuq il-konformità mal-liġi tal-UE u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-atleti. Bħala parti mill-implimentazzjoni tal-WADC 2015 mill-Istati Membri, l-UE għandha toffri l-assistenza tagħha lill-WADA, il-Kunsill tal-Ewropa u l-Istati Membri fl-iżvilupp ta' gwida xierqa mhux vinkolanti. Il-ħidma fuq il-prevenzjoni tad-doping għandha tkompli tiġi żviluppata fuq il-bażi tal-konklużjonijiet tal-2012 tal-Kunsill. Kwistjonijiet identifikati fid-dokumenti tal-Kummissjoni, eż. inizzjattivi dwar il-kummerċ illegali u l-liġi kriminali possibbli, l-użu ta' djalogu soċjali, jistgħu jergħu jiġu indirizzati.
- Il-ġlieda kontra l-logħob miftiehem: Ser tkompli l-ħidma, b'mod partikolari biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni msemmija hawn fuq fuq l-aħjar prattiki fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra logħob miftiehem relatat mal-logħob tal-azzard u tal-Konvenzjoni tal-ġejjieni tal-Kunsill tal-Ewropa kontra t-tbagħbis tal-kompetizzjonijiet sportivi.
- Il-protezzjoni tal-integrità fiżika u morali tal-atleti zghażaġh: Għandhom jiġu esplorati modi biex jiġu protetti atleti zghażaġh u biex tissaħħaħ l-imġiba etika, b'mod partikolari fir-rigward tal-fastidju sesswali.

Il-Kapitlu dwar l-Isport f'Erasmus+ ser jagħti appoġġ finanzjarju għall-attivitajiet sportivi fil-livell ta' dilettenti u jinkludi medda ta' strumenti biex jappoġġja l-kooperazzjoni u l-azzjoni f'ħafna minn dawn l-oqsma.

4.2. Metodi ta' ħidma u strutturi

Biex tibni fuq l-esperjenza pożittiva tal-ewwel Pjan ta' Ħidma u, fl-istess ħin, tindirizza l-isfidi identifikati hawn fuq, il-Kummissjoni tara valur f'forma adattata tal-metodi ta' ħidma li tippermetti lill-atturi rilevanti jikkooperaw b'mod effettiv u jkopru l-prijoritajiet ta' hawn fuq fil-kuntest ta' Pjan ta' Ħidma ġdid. Fuq il-bażi tal-osservazzjonijiet tiegħu stess u bħala tweġiba għall-fehmiet iddikjarati fil-konsultazzjonijiet, il-Kummissjoni tikkonkludi li t-titjib li ġej jista' jiġi introdott b'mod utli u jieħu post l-arranġamenti tax-xogħol kurrenti:

- Minflok is-sitt Gruppi ta' Esperti attwali, għandhom jiġu stabbiliti tliet 'Gruppi ta' Strateġija għall-Isport' (SSG), kull wieħed imsawwar minn rappreżentanti mill-Istati Membri u l-Kummissjoni, biex ikopru l-prijoritajiet ġenerali ewlenin għall-kooperazzjoni tal-UE fl-isport, jiġifieri 'L-isport u s-soċjetà, inkluża l-HEPA', 'Id-dimensjoni ekonomika tal-isport' u 'L-integrità tal-isport'. L-SSGs imexxu l-iżviluppi (jiġifieri implimentazzjoni tar-riżultati miksubin skont il-Pjan ta' Ħidma attwali) u jaqsmu fehmiet dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Ħidma l-ġdid. Ikunu wkoll il-fora biex jindirizzaw l-integrazzjoni tal-isport, jiddiskutu suġġetti topiċi u jiskambjaw l-aħjar prattiki, inklużi riżultati mill-implimentazzjoni ta' Erasmus+. L-SSGs iħejju s-sottomissjonijiet għall-istrutturi tal-Kunsill, b'mod partikolari fuq kwistjonijiet li jeħtieġu appoġġ politiku jew segwitu. Il-Kummissjoni tipprovdi appoġġ lill-SSGs u tiegħu sehem fil-ħidma tal-Gruppi biex tagħti gwida u tiżgura involviment issoktat. L-SSGs għandu jkollhom mandat definit b'mod ċar fuq il-bażi tar-riżultati mitlubin mill-Kunsill b'dati mira speċifiċi għat-tlestija.
- Għal kompiti speċjali ta' għamla teknika, il-ħidma għandha tiġi organizzata fil-livell tal-esperti. "Il-“gruppi ta' esperti” (GoE), taħt il-kappa tal-SSGs, għandhom jiġu stabbiliti biex ikomplu bil-ħidma li bdiet bil-Pjan ta' Ħidma attwali u jwettqu kompiti ġodda li jirrekjedu kompetenza teknika.
- Biex il-partijiet interessati tal-isport jiġu assoċjati mill-qrib mal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Ħidma l-ġdid, għandhom jiġu stabbiliti pjattaformi ta' djalogu li

jikkorrispondu mas-sustanza tat-tliet SSGs, immexxijin mill-Kummissjoni u l-presidenti tal-SSGs. Ir-rappreżentanti magħżulin minn dawn il-pjattaformi jkunu mistiedna f'laqgħa tal-SSGs biex jippreżentaw l-opinjoni tal-partijiet interessati.

- Id-djalogu strutturat kurrenti mniedi fil-marġnijiet tal-Kunsill għandu jkun sostitwit 'waħda mill-għażliet li ġejjin għal-laqgħat organizzati mill-Presidenza u li jinvolvi rappreżentanti ewlenin tal-awtoritajiet pubbliċi tal-UE u l-moviment tal-isport³⁷:
 - Żewġ laqgħat ta' livell għoli fis-sena, fil-bidu ta' kull terminu tal-Presidenza, biex jindirizzaw il-prijoritajiet għas-semestru;
 - Żewġ laqgħat ta' livell għoli fis-sena, waħda tiffoka fuq suġġetti topiċi b'relevanza għall-isport professjonali, waħda fuq suġġetti topiċi b'relevanza għall-isport fil-livell ta' dilettenti;
 - Laqgħa annwali ta' livell għoli, quddiem il-Kunsill jew bħala parti minn laqgħa informali tal-Ministri tal-UE għall-Isport.

Struttura ta' ħidma bħal din ikollha l-vantaġġ a) li żżomm in-numru ta' Gruppi u laqgħat kontrollabbli, filwaqt li jittieħdu inkonsiderazzjoni riżorsi skarsi fl-Istati Membri, u fl-istess ħin twieġeb għall-ħtiġijiet tal-politika, b) li tagħti segwitu għar-riżultati mill-Pjan ta' Ħidma kurrenti, filwaqt li tingħata l-possibilità li jiġu indirizzati prijoritajiet ġodda, c) li jkun hemm sawra omoġena tal-gruppi u li ssir distinzjoni bejn politika u ħidma fil-livell tal-esperti u d) li ssaħħa id-djalogu strutturat mal-partijiet interessati tal-isport.

5. KONKLUŻJONI

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew huma mistiedna jieħdu nota ta' dan ir-rapport.

Il-Presidenza hija mistiedna tieħu dan ir-rapport bħala bażi għat-tħejjija tal-Pjan ta' Ħidma tal-UE li jmiss għall-Isport matul l-ewwel nofs tal-2014.

Bħala parti mill-Pjan ta' Ħidma tal-UE li jmiss għall-Isport, il-Kunsill huwa mistieden iqis il-prijoritajiet għall-ħidma tal-ġejjieni u l-introduzzjoni ta' arranġamenti tax-xogħol riveduti identifikati f'dan ir-rapport.

³⁷ B'konformità mar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Novembru 2010 fuq djalogu strutturat tal-UE dwar l-isport (ara n-nota f'qiegħ il-paġna 35).